MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Rikors Numru. 10/2006/1

**Rikors numru 10/2006**

**John Camilleri (ID 721224M) u Antonia Camilleri (ID 294429M)**

**vs**

**Direttur tal-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk

Illi huma ghadhom kiemm gew notifikati b’att gudizjarrju bid-data 4 ta’ Lulju 2006 (kopja Dok A) fejn l-intimat offra lill-esponenti s-somma ta’ wiehed u ghoxrin elf lira mija u tmenin lira (Lm21,180) ghax-xiri assolut bhala libera u franka ta’ porzjoni art mmarkata bhala 2A fil-Maghtab, limiti Naxxar tal-kejl ta’ madwar hamest elef mitejn seba’ u

disghin metri kwadri (5,297m2) li tmiss mit-tramuntana u mill-majjistral ma' proprjeta' li kienet ta' Maria Degiorgio (u issa tal-intimat) u mil-lvant ma' proprjeta' ekklezjastika jew irjieh verjuri kif imsemmija fl-Avviz nurmu 890 ta' 24 t'Awissu 2005.

Illi l-esponenti mhumiex qeghdin jaccettaw din l-offerta u qeghidn jitolbu u jindikaw is-somma ta' seba' u tletin elf u seba' mitt lira (Lm37,700) bazata fuq ir-rata ta' Lm8000 kull tomna stima maghmula mill-perit Edgar Caruana Montalto datata 13 ta' Lulju 2006 u annessa Dok B.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu lil dan il-Bord jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilhom u jaghti dawk id-direttivi kollha necessarji a tenur tal-Artiklu 22 Kap 88.

Ra wkoll ir-risposta tad-Direttur tal-Artijiet li jghid hekk:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 17 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-Gvern ta' wiehed ui ghoxrin elf mija u tmnein Lira Maltin (Lm21,180) ghax-xiri assolut bhala libera u franka ta' porzjoni art mmarkata bhala 2A fil-Maghtab, limiti Naxxar tal-kejl ta' cirka 5,297 metri kwadri liema art immarkata bhala 2A fuq il-pjanta numru PD312 2004 1 li gia pprezentata f'dana l-Onorabbli Bord.

Illi dina l-art giet espproprijata permezz tal-Gazzetta tal-Gvern tal-24 t'Awissu 2005 fl-Avviz numru 890.

Illi r-rikorrenti qeghdin jippretendu li l-kumpens gust ghal din l-art fuq imsemmija ghandu jkun dak ta' seba' u tletin elf u seba mitt lira Maltin (Lm37,700) u mhux dak offrut mill-Gvern u cioe' s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u mija u tmenin Lira Maltin (Lm21,180)

Illi dina l-art giet ikklasifikata bhala agrikola mill-Perit Fred H. Valentino A&CE u dan ai termini tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponent qieghed jibqa jsostni illi l-valur gust tal-art esproprijata huwa dak ta' wiehed u ghoxrin elf u mija u

tmenin Lira Maltin (Lm21,180) hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' ta' wiehed u ghoxrin elf u mija u tmenin Lira Maltin (Lm21,180) bhala l-kumpens gust li ghandu jithallas lir-rikorrenti ghall-espropriazzjoni tal-porzjon fuq imsemmija.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-Bord kien assenja biex jassistuh lill-periti arkitetti Joseph Mizzi u David Pace u li dawn ghamlu relazzjoni kongunta li hija annessa bhala parti integrali minn din is-sentenza. Illi fil-paragrafu konklussiv tar-relazzjoni taghhom il-periti membri tal-Bord qalu b'mod unanimu hekk:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta) u partikolarment tal-Artikolu 27, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta' in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta' agrikola u li l-valur tal-istess proprjeta bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' tlieta w ghoxrin elf hames mija u hamsin lira maltin (Lm23,550)

Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrent u qed jiffissa l-kumpens xieraq dovut lilhom ghat-trasferiment b'xiri assolut bhala libera u franka ta' porzjoni art mmarkata bhala 2A fil-Maghtab, limiti Naxxar tal-kejl ta' madwar hamest elef mitejn seba' u disghin metri kwadri (5,297m2) li tmiss mit-tramuntana u mill-majjistral ma' proprjeta' li kienet ta' Maria Degiorgio (u issa tal-intimat) u mil-lvant ma' proprjeta' ekklezjastika jew irjieh verjuri kif imsemmija fl-Avviz nurmu 890 ta' 24 t'Awissu fl-ammont ta' Euro 54,856.74 (erba u hamsin elf tmien mija sitta u hamsin

Euro u erba u sebghin centezmu) oltre l-imghax legali ai termini tal-artikolu 12(3) tal-Kap 88.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------